

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2018 – eSlovensko vs Il-Kummissjoni(Kawża T-664/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Sussidji — Konstatazzjoni ta’ irregolaritajiet — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar sanzjoni amministrattiva — Esklużjoni ta’ proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratt u ta’ għoti ta’ sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal tul ta’ sentejn — Inklużjoni abbażi tad-data tas-sistema ta’ detezzjoni rapida u ta’ esklużjoni — Kontestazzjoni — Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura — Ksur tar-rekwiżiti formali — Inammissibbiltà”)

(2018/C 427/94)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: eSlovensko (Lučenec, is-Slovakkja) (rappreżentant: B. Fridrich, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u L. Flynn, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ġunju 2017, dwar sanzjoni amministrattiva ta' esklużjoni tar-rikorrenti mill-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għal tul ta' 24 xahar u li tinkludiha, konsegwentement, fil-bażi ta' data tas-sistema ta' detezzjoni rapida u ta' esklużjoni prevista fl-Artikolu 108(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) eSlovensko għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 424, 11.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – OPS Újpest vs Il-Kummissjoni(Kawża T-708/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b’diżabbiltà — Proċedura preliminari ta’ eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta’ għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Tardività — Inammissibbiltà”)

(2018/C 427/95)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: OPS Újpesti Csökkentmunkaképeségűek Ipari és Kereskedelmi Kft. (OPS Újpest Kft.) (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajjnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajjnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *OPS Újpesti Csökkentmunkaképességűek Ipari és Kereskedelmi Kft. (OPS Újpest Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 437, 18.12.2017.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2018 – M-Sansz vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-709/17) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna implimentata mill-Ungerija favur impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà — Proċedura preliminari ta' eżami — Deċiżjonijiet allegati tal-Kummissjoni li jiddikjaraw il-miżura ta' għajjnuna kompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' persuna interessata — Nuqqas ta' inċidenza individwali — Inammissibbiltà”)

(2018/C 427/96)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrenti: M-Sansz Kereskedelmi, Termelő és Szolgáltató Kft. (M-Sansz Kft.) (Pécs, l-Ungerija) (rappreżentant: L. Szabó, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u C. Georgieva-Kecsmar, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet li l-Kummissjoni kienet allegatament adottat dwar l-ilmenti SA.29432 – CP 290/2009 – l-Ungerija – Għajjnuna fil-qasam ta' reklutaġġ ta' ħaddiema b'diżabbiltà allegatament illegali minħabba n-natura diskriminatorja tal-leġiżlazzjoni u SA.45498 (FC/2016) – Ilment ta' OPS Újpest-lift Kft dwar l-għajjnuna mill-Istat imħallsa lill-impriżi li impjegaw ħaddiema b'diżabbiltà bejn 2006 u 2012.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *M-Sansz Kereskedelmi, Termelő és Szolgáltató Kft. (M-Sansz Kft.) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 437, 18.12.2017.